MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 612/2013

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Schembri Maria**

**ID 566392M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Settembru, 2013, illi 'l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija wiehed u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€771.17) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kummikazzjoni numru 99584766 numru tal-kont A/C 40176341, moghtija mis-socjeta' attrici u dan skont kif jirrizulta' mill-annessi dokumenti mmarkati A u B u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-28 ta’ Mejju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-28 ta’ Mejju, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ seba’ mija wiehed u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€771.17) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal- konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------